MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 121/2002

**Raymond u Mary Louise konjugi Muscat**

**vs**

**Marcel Sam Mejlaq**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghal incident stradali li gara l-Qala fis-17.07.02 bejn Citroen nru ABD 457 u Escort nru JAV 901 misjuqa mill-konvenut flimkien ma’ kundnna lill-konvenut li jhallas lill-atturi LM429.12c danni.

Bl-ispejjes ta’ dana l-AVVIZ, LM23 ta’ ittra ufficjali u konsulti, dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta:

“Ill it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija tal-attur, u dan peress illi huwa kien qieghed isuq fin-nofs tat-triq b’manjiera traskurata, u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

U l-kontro-talba :

“Peress illi l-incident stradali gara unikament tort tal-attur peress illi dan ostakola il-karreggjata tal-konvenut,

Ghid inti attur ghaliex ma ghandekx tkun ikkundannata illi tikkompensa lill-konvenut tad-danni kollha sofferti minnu tort ta’ dan l-incident.”

Ra r-risposta ghall-kontro-talba:

“Li dak mitlub fil-kontro-talba ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali kien jahti l-konvenut.

“Il-kontro-talba ghandha tigi michuda ghax l-attur kien isuq f’postu skond ic-cirkostanzi mentri l-konvenut messa ra sew qabel fixkel il-passagg tal-attur.”

Sema x-xhieda prodotti mill-partijiet kontendenti u qara d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra;

Illi l-incident sehh fi Triq San Guzepp, il-Qala, Ghawdex fil-punt fejn din tiftah fuq pjazzetta t’ghamla press-a-poko triangulari fuq in-naha tal-lemin int u thares lejn din il-pjazzetta mill-istess Triq, filwaqt li fuq ix-xellug il-linja ta’ din it-triq tkompli ghaddejja dritta sakemm tasal f’inkrocju ma’ Qala Road. Fid-data u hin tal-incident, il-parti karreggjabbli ta’ Triq San Guzepp kienet tidjieq b’cirka zewg metri minhabba li giet in parti maghluqa fuq in-naha tax-xellug minn filliera ta’ knatan u dan kawza ta’ xoghol

ta’ kostruzzjoni ta’ bini illi kien qieghed isir hemmhekk, kif jirrizulta mill-iskizz esibit, a fol 25.

Illi l-attur Raymond Muscat kien qieghed isuq il-vettura Citroen ABD 457 fi Triq San Guzepp fid-direzzjoni ta’ Qala Road, ghad-dritt, filwaqt illi l-konvenut kiser mill-gemb u cioe’ mill-pjazzetta msemmija ghal gewwa Triq San Guzepp u habat fic-Citroen.

Illi meta sehh l-incident, l-attur kien qieghed isuq ABD 457 ghal kollox  jew almenu fil-parti l-kbira fuq sajdu, u bi speed moderat, tant li wara li sehhet il-habta fil-punt “Y” muri fl-iskizz a fol 25, huwa waqaf  f’inqas mit-tul tal-karozza tieghu u ma halliex brake-marks warajh.  Skond l-attur, il-konvenut kiser il-kantuniera bi speed qawwi u l-karozza tieghu ma zammx brejk (fol 30).

Il-konvenut jghid li dar il-kantuniera bi speed ta’ 30 kilometru fis-siegha, *u malli ksirt pupp mill-ewwel sibthom go wicci la stajt immur hawn la stajt immur hinn la stajt inzomm il-karozza xejn.  U zammejt brake…kieku… l-habta kienet tkun hafna iktar.*  Il-konvenut ghalhekk ma jichadx, anzi jikkorrobora, dak li jghid l-attur fis-sens li l-konvenut kiser mill-pjazzetta ghal Triq San Guzepp bla ma waqaf.  Issa  hija regola elementari tas-sewqan li min johrog minn triq laterali ghal T-junction, ghandu l-obbligu li jieqaf u jesplora t-Triq li jkun diehel fiha biex jara li jkun jista’ jidhol fiha minghajr ma johloq ostaklu ghat-traffiku li jkun ghaddej minn hemm, u l-fatt li l-konvenut m’ghamilx dan juri li  ma zammx *a proper look-out* kif kien obbligat jaghmel.  Di piu’, l-iskizz juri li l-konvenut meta wasal prattikament fin-nofs tat-triq, <u>kien ghadu qieghed jikser</u> u li kieku ma sabx triqtu ostakolata bil-karozza tal-attur, kien jibqa’ sejjer wrong-side.  Ghalhekk mhux il-kaz li jekk, ghall-grazzja tal-argument, xi parti zghira mill-vettura tal-attur kienet oltre l-linja medjana tat-triq – li hemmhekk kienet titwessa’ u l-attur kien appena hareg mill-parti d-dejqa taghha  – dan b’xi mod ikkontribwixxa ghall-incident. Jidher li l-konvenut waqaf skuntrat filwaqt li l-vettura tal-attur baqghet ghaddejja tithaxken maghha.  Il-konvenut kien pjuttost ewfemistiku meta sostna  li *dan ftit kellha girfa zghira* (fol 38) imma r-ritratti RM-1, RM-2 u RM-3 ( a

fol 34) juru li l-hsara kienet iktar minn semplici girfa u li ghalhekk l-impatt kien pjuttost qawwi, ghalkemm mhux qawwi hafna, ghax kieku l-konsegwenzi kienu jkunu ferm iktar gravi.

Illi min-naha l-ohra ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas da parti tal-attur li kkontribwixxa ghall-incident.

Ma jidhirx l-anqas li hemm xi kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni subiti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza, jichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-atturi konjugi Muscat u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM 429.12c ammont ta' danni sofferti mill-atturi kawza tal-istess incident bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------